Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 657/2004/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1554/04**
**fl-ismijiet:**

**Alexander u Josephine konjugi Grech, A & A Properties Limited,**
**Paul u Vincenza konjugi Grech, Ocean Way Co. Ltd., George u Lydia**
**konjugi Zammit, Alfred u Rosanne konjugi Fenech, Alfred u Rosette konjugi**
**Debattista, Claire Grech, Ludwig Ltd.**

**v.**

**Mamma Mia Restaurant**

**[recte: Alexander u Josephine konjugi Grech, A & A Properties Limited,**
**Paul u Vincenza konjugi Grech, Ocean Way Co. Ltd., George u Lydia**
**konjugi Zammit, Alfred u Rosanne konjugi Fenech, Alfred u Rosette konjugi**
**Debattista, Claire Grech, Ludwig Ltd.**

**v.**

**Mamma Mia Company Limited, Stephen Bonavia, Angelo Pullicino, Sunbirds Company Limited u Noel Agius]**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru, 2004, permezz ta' liema digriet dik il-Qorti cahdet talba (maghmula miz-zewg socjetajiet intimati Mamma Mia Company Limited u Sunbirds Company Limited, u minn Bonavia, Pullicino u Agius) sabiex jigi revokat il-mandat ta' inbizzjoni numru 1554/04. Dan il-Mandat kien inhareg kontra l-intimati – appellanti odjerni – fis-27 ta' Awissu, 2004. Ir-rikors ghar-revoka tal-mandat, maghmul quddiem il-Prim Awla, sar in forza ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 836(1)(b)(f) tal-Kap. 12.

2. Ir-rikors quddiem din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell – sar fit-8 ta' Ottubru, 2004. Permezz ta' dan ir-rikors is-socjetajiet Mamma Mia Company Limited u Sunbirds Company Limited, kif ukoll Bonavia, Pullicino u Agius qed jitolbu li din il-Qorti joghgobha "tirrevoka u thassar id-digriet ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-5 ta' Ottubru, 2004 li bih cahdet it-talba ghar-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1554/04 u tilqa' l-istess talba ghar-revoka ta' l-istess mandat ta' inibizzjoni, b'dan illi tirrevoka definittivament l-imsemmi mandat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi." Skond l-appellanti dan ir-rikors – tat-8 ta' Ottubru, 2004 – qed isir a tenur ta' l-Artikolu 229(7) tal-Kap. 12.

3. Fir-risposta taghhom tad-19 ta' Ottubru, 2004 il-kontro-parti (cioe` l-persuni li originarjament talbu u ottjenew il-hrug tal-mandat imsemmi) eccepew preliminarjament li dana l-appell huwa irritu u null u bla effett "stante li d-digriet ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-5 ta' Ottubru, 2004 mhuwiex appellabbli, la ai termini ta' l-Artikolu 299[1] u lanqas ai termini ta' l-Artikolu 836(5) tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta."

4. Din il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta' Frar, 2005 u halliet dana l-appell ghal provvediment dwar din il-pregudizzjali, cioe` "dwar jekk fil-fatt ir-rikors ta' appell setghax fil-fatt isir o meno kif effettivament sar lil din il-Qorti" (ara l-verbal ta' l-imsemmija udjenza).

5. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellati ghandhom ragun, ghalkemm limitatament fis-sens li l-mod kif gie ttentat dan l-appell huwa proceduralment skorrett. Hu evidenti li l-Artikolu 229(7), invokat mill-appellanti, ma ghandu x'jaqsam xejn ma' "appell" minn digriet bhal dak moghti fil-5 ta' Ottubru, 2004. Dan is-subartikolu huwa intiz biss sabiex jirrendi d-dispozizzjonijiet tal-Kap. 12 li ghandhom x'jaqsmu ma' appelli minn sentenzi applikabbli wkoll "ghal appelli minn digrieti <u>taht dan l-artikolu</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti). Id-digrieti taht l-imsemmi artikolu huma (**i**) dawk imsemmija fis-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 229 – u d-digriet tal-5 ta' Ottubru, 2004 certament ma hux wiehed minnhom – u (**ii**) "kull digriet interlokutorju iehor". Id-digriet tal-5 ta' Ottubru, 2004 certament ma hux digriet interlokutorju, ghax ma jirregolax l-andament tal-proceduri bejn il-partijiet.

6. Kif din il-Qorti (diversament komposta) kellha okkazzjoni li tispjega fis-sentenza taghha tat-19 ta' Novembru, 2001, fl-ismijiet ***Paul Tanti pro et noe et v. Sammy u Joseph ahwa Mifsud pro et noe***, "appell u kontestazzjoni" minn digriet li <u>jichad</u> rikors ghar-revoka ta' mandat kawtelatorji jistghu jsiru – is-subartikolu (5) ta' l-

[1] Recte: 229.

Artikolu 836 tal-Kap. 12 jaghmel divjet ta' "appell u kontestazzjoni" biss fil-konfront ta' digriet li jilqa' talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju – izda tali "appell u kontestazzjoni" ma jsirux permezz ta' rikors ta' appell direttament lil din il-Qorti, bhalma sar fil-kaz odjern, izda "permezz ta' att ta' citazzjoni quddiem l-istess Qorti li tat id-digriet, bi dritt ta' appell lil din il-Qorti una volta tinghata s-sentenza in prima istanza." Din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tiddipartixxi minn dana l-insenjament.

7. Ghall-motivi premessi tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellati, tiddikjara l-appell irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghi. L-ispejjz ta' din l-istanza ghandhom jithallsu mill-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------